**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 403/2016**

**CV**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C30053)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,**

Li permezz tieghu l-Ilmentatur issottometta:

Illi l-provditur tas-servizz *GlobalCapital Financial Management Ltd.,* kien qallu sabiex jinvesti fil-*Protected Asset TEP Fund 2* (fil-qosor *TEP 2*), wara li kien tahom dokumenti li juru x'investimenti kellu qabel.

Illi l-Ilmentatur kien avvicina lill-provditur tas-servizz wara li l-provditur kien ghamel kampanja ta' pubblicità fuq il-mezzi tax-xandir.

Illi l-Ilmentatur kien bniedem ta' ftit skola u li kien faddal kien bl-ghaqal u l-hidma tieghu.

Illi l-Ilmentatur kellu xi investimenti ohra qabel ma investa fit-*TEP 2* izda dawn ma kienux riskjuzi daqs it-*TEP 2.*

Jiddikjara li l-ilment sottomess minnu kontra s-Socjetà Konvenuta, l-*Global Capital Financial Management Ltd.,* jikkostitwixxi kaz fejn din tal-ahhar ma

mxietx fl-ahjar interess tal-klijent taghha, kif ukoll naqset mill-obbligi fiducjarji taghha fil-konfront tal-istess klijent, inkluz l-obbligi naxxenti minn Artikoli 1124A u 1124B tal-Kodici Civili. Dan meta il-*GlobalCapital,* permezz tar-rapprezentant taghha, Maurizio Iacono, tat parir ripetut lill-klijent taghhom biex jinvesti fil-*PATF TEP Fund No. 2* ghall-valur ta' Liri Sterlini 25,863.38, u US$22,790.75 fis-16 ta' Settembru 2004, u Liri Sterlini 10,098.31 fis-16 ta' Novembru 2006.

Illi inoltre, s-Socjetà Konvenuta, permezz tal-impjegati taghha, approfittat ruhha mill-vulnerabilità tal-Ilmentatur bhala persuna analfabeta u haditlu firem fuq dokumenti li ma kienux veritieri u li kienu jmorru kontra l-interessi tal-istess Ilmentatur.

**Li l-Arbitru ghandu:**

1. Jiddikjara li l-istess komportament tas-Socjetà Konvenuta jikkostitwixxi *investment misselling* u dan peress illi l-investiment ma setax jigi kkunsidrat bhala li huwa idonju u addattat ghall-investitur, u dan ghaliex dan il-*misselling* u *unsuitable advice* gie sostanzjat u ppruvat abbazi tar-ragunijiet kollha jew uhud minnhom, kif ser jinghad:

i. l-investiment rakkomandat fit-*TEP 2* ma kienx konsistenti u kompatibbli mac-cirkostanzi personali u lanqas mal-attitudni ta' riskju tal-Ilmentatur;

ii. L-investiment rakkomandat fit-*TEP 2* ma kienx in linja mat-taghrif fl-investiment u l-esperjenza fl-investimenti tal-Ilmentatur, u allura l-Ilmentatur ma setax ikun f'pozizzjoni li jifhem u japprezza r-riskji involuti fl-investiment rakkomandat;

iii. l-investiment rakkomandat kien b'mod negligenti pprezentat mis-Socjetà Konvenuta bhala li huwa *"low risk",* meta fil-fatt huwa wiehed tat-tip *TLPI* u jikkonsisti f'investiment kumpless u ta' riskju gholi.

2. Jiddikjara u jiddeciedi li s-Socjetà Konvenuta tigi ordnata li tikkompensa lill-Ilmentatur bit-telf kapitali realizzat fis-16 ta' Frar 2012, ta' US$1,956 u fis-17 t'April 2012, ta' Liri Sterlini 8,305, flimkien ma' imghax b'rata ragonevoli

u ekwa mid-data tas-16 ta' Frar 2012 u s-17 t'April 2012, rispettivament sad-data tal-hlas effettiv;

3. Jiddikjara u jiddeciedi Ii s-Socjetà Konvenuta tigi ordnata thallas imghax b'rata ragonevoli u ekwa mid-dati rispettivi tal-investiment fuq il-valur tal-investimenti Ii saru, u dan mid-data rispettiva taghhom tas-16 ta' Settembru 2004, u s-16 ta' Novembru 2006, sad-dati tal-bejgh tal-istess investimenti fis-16 ta' Frar 2012, u s-17 t'April 2012;

4. Bl-animu Ii l-llmentatur ikun dejjem ragonevoli u ekwu fit-talbiet illi jaghmel, l-llmentatur umilment jitlob u jissuggerixxi Ii r-rata ta' imghax ragonevoli u ekwa, Ii qed jitlob fTalba 3 u Talba 4, ghandha tkun wahda ekwivalenti ghal rendiment Ii kien dak iz-zmien ikun kumpatibbli mal-attitudni ta' riskju kawt tieghu, kif dikjarat lill-istess Socjetà Konvenuta, u Ii kien ikun jikkostitwixxi investiment idonju ghalih, bhal ma kien ikun ir-rendiment annwali/*yield to maturity* fuq *bond* tal-Gvern Malti ta' 10 snin u li seta' nxtara fl-istess zmien, jigifieri:

- ghaz-zewg investimenti mixtrija fis-16 ta' Settembru 2004, ir-rata ta' 4.35% per annum fil-kaz tal-*6.65% MGS 2016 Tranche I,* (**32**) jew dik ir-rata Ii tigi accertata Ii kienet il-*yield to maturity* fuq *bonds* tal-Gvern Malti applikabbli fid-data tas-16 ta' Settembru 2004;

- ghall-investiment mixtri fis-16 ta' Novembru 2006, ir-rata ta' 4.29 per annum fil-kaz tal-*4.80% MGS 2016 Tranche II;* kif evidenzjat minn dokument mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta Ii juri l-prezzijiet u l-*yields to maturity* (jew rendiment annwali effettiv) ghal *bonds* tal-Gvern ghal dik il-gurnata partikolari, Dokument T.i u Dokument T.ii hawn mehmuza;

jew kif l-Onorabbli Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji jidhirlu xieraq, ekwu, gust u opportun;

5. Spejjez kontra s-Socjetà Konvenuta.

**Ra r-risposta tal-Provditur tas-Servizz li ssottometta:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai temini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont il-varji allegazzjonijiet ta' tehid ta' dikjarazzjonijiet (u effettivament firem) fuq dokumenti li ma kienux veritiera (inkluz fl-ewwel talba), jidher li qieghed jigi allegat illi l-kunsens tal-Ilmentatur biex jinvesti fl-investiment mertu tal-kaz, ittiehed b'qerq u ingann; ghalhekk l-eccepjenti qieghda, ghal kull effett u fini, tinvoka l-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Ilmentatur, u dan stante illi ma hux minnu li l-eccepjenti ma harsitx l-interess tal-Ilmentatur, jew li kisret xi obbligi legali (inkluz obbligi fiducjarji), jew li b'mod iehor hija responsabbli ghal kwalunkwe telf li soffrew l-investimenti li dahal ghalihom l-Ilmentatur; illi l-eccipjenti tafferma illi fil-mument li l-Ilmentatur akkwista l-investimenti in kwistjoni, dawn l-investimenti, fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwarhom u abbazi tal-informazzjoni li kellha l-eccepjenti minghand l-Ilmentatur stess, kellhom il-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tal-eccepjenti jinbieghu lill-Ilmentatur;

5. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ma hux minnu li l-eccepjenti ezercitat *misselling* jew li illimitat ir-responsabbiltà taghha b'mod illecitu a skapitu tal-Ilmentatur. Lanqas ma huwa minnu li abbuzat mill-Ilmentatur jew iddefrodat, jew approfittat ruhha minnu bi kwalunkwe mod;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-Ilmentatur, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, jirrizulta li l-Ilmentatur garrab xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-Ilmentatur lanqas ma jista' jassumi illi kieku investa flusu f'investiment iehor il-kapital tieghu kien ser jibqa' shih u/jew li kien ser jaghmel dhul fuq l-investiment tieghu kif qed jippretendi l-Ilmentatur;

7. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jigi eccepit il-*casus* stante li kwalunkwe telf li seta' garrab l-Ilmentatur huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-andament tas-swieq finanzjarji u tal-krizi finanzjarja dinjija;

8. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li hi ma kienitx qieghda tiggestixxi, in kwantu agixxiet biss bhala intermedjarju fil-bejgh tal-investiment bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur;

9. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-investitur ma jistax jitlob kumpens ghal prodotti li ghazel li jinvesti fihom xjentement u liberament u li, sussegwentement, ghazel hu stess li jbiegh xjentement u liberament;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' x-xhieda,**

**Ra n-noti ta' oservazzjonijiet tal-partijiet,**

**Ra d-dokumenti u l-atti l-ohra tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni**

Il-provditur jaghti tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni ibbazati fuq Artikoli 2153, 2156(f) u 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, l-Artiklu 2153 jittratta dwar danni akkwiljani. Fil-kawza **Go plc vs Charles Dimech,**[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

'*Il-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk, fil-kawza Avv. Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et intqal:[2]

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: 'il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953 Vol XXXVII.ii.622).'*

It-talba hija bazikament dwar danni kuntrattwali kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel u ghalhekk il-preskrizzjoni a bazi ta' dan l-artiklu ma tistax tirnexxi.

Il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tittratta dwar:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn. (2) Dan*

[1] PA, 28 ta' Lulju 2011
[2] PA, 7 t'Ottubru 2016

*jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.'*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexissjoni ta' kuntratt.

Din hija azzjoni ghall-hlas 'minn operazzjoni kummercjali'[3]. M'hemmx dubju li r-relazzjoni hija wahda kummercjali ghaliex l-Ilmentatur ikun mar ghal servizz bi hlas li normalment tkun relatata mal-ammont investit. F'dan il-kaz ma inghatax parir biss bhal min imur ghand xi kumpanija ta' investiment, jiehu parir u jitlaq 'il barra. F'dan il-kaz ikun inbiegh prodott finanzjarju u dan hu evidenti mid-dokumenti relatati bhal *File Notes,* il-*Purchase Contract Notes, is-Sale Contract Notes* u il-*Confidential Fact Find.*

Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li jkun sehh kuntratt bejn il-partijiet u li tkun saret 'operazzjoni kummercjali'.
Dwar l-azzjoni li ssir quddiem l-Arbitru jrid jigi precizat li din ma ssirx a bazi tal-Kodici tal-Procedura b'xi rikors guramentat li ghandu l-formalitajiet tieghu u t-talbiet iridu jkunu kemm jista' jkun precizi. Peress li l-process huwa ntiz biex jaghti rimedju bl-anqas formalità possibbli, minhabba l-fatt li l-konsumatur kulma jrid jaghmel huwa 'ilment', in-natura tal-azzjoni mhix mistennija li tkun spelluta b'mod preciz, u tant hu hekk, li kulma jrid jaghmel l-ilmentatur hu li: jidentifika l-parti li kontriha jkun qed isir l-ilment, ir-ragunijiet ghall-ilment u r-rimedju li jkun qed jitlob[4].

Dan a bazi ta' tranzazzjoni kummercjali li tinvolvi bejgh ta' prodott finanzjarju fuq parir tal-istess provditur tas-servizz. L-Arbitru jrid jiddeciedi jekk l-ilment huwiex gustifikat, fil-kuntest ta' din ir-relazzjoni kummercjali u kuntrattwali; huwiex gust, ekwu u ragonevoli u jekk jirrizulta l-ilment jista' jaghti kumpens pekunjarju jew kull ordni ohra kontemplata mill-Kap. 555.

Ghalhekk l-Arbitru m'ghandu l-ebda dubju li sehhet tranzazzjoni kummercjali u kuntrattwali bejn il-partijiet u ghandu japplika l-Art.2156 (f) tal-Kap. 16.

---

[3] Kap. 16, Art. 2156(f)
[4] Kap. 555, Art. 22(1)

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk skont dan l-Artikolu l-azzjoni tal-Ilmentatur hijiex preskritta.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha;[5] il-preskrizzjoni trid tinghata interpretazzjoni restrittiva[6] peress li l-konsegwenzi taghha huma li jeqirdu l-azzjoni; u min jallega l-preskrizzjoni jrid jipprova z-zmien minn meta din il-preskrizzjoni kellha tibda.[7]

Fil-kaz in ezami, l-provditur jghid fin-nota ta' osservazzjonijiet[8] tieghu li l-preskrizzjoni ghandha tigi marbuta mad-data ta' meta gew akkwistati l-investimenti odjerni, jigifieri mis-16 ta' Settembru 2004, u s-16 ta' Novembru 2006, rispettivament.

L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz u, cioè, Michael Schembri, fl-affidavit tieghu, a fol 205 tal-process, xehed hekk:

'*Bhala kumpanija rcevejna protest gudizzjarju datat 16 ta' Ottubru 2015. Qabel din id-data, qatt ma konna rcevejna ebda karti mill-Qorti mibghuta minn CV. Peress illi l-investimenti li qieghed jilmenta dwarhom saru fil-perjodu 2004 u 2006, jiena mgharraf illi dan il-kaz ghandu jitqies bhala wiehed preskritt.*'

L-Arbitru hu tal-fehma li ma jistax ikun li tigi ikkunsidrata d-data preskrittiva mid-data ta' minn meta inghata s-servizz, ghaliex il-kaz in ezami huwa wiehed li jittratta dwar bejgh ta' prodotti finanzjarji, u wiehed ikun jaf jekk is-servizz li nghata kienx tajjeb jew le, wara l-andament tal-prodott. Dawn kienu prodotti mahsuba ghal investituri ta' esperjenza u ta' gharfien sew tal-prodotti finanzjarji.

Mhux logiku li xi hadd li jixtri prodott finanzjarju llum, specjalment meta jkun prodott finanzjarju kumplikat, imur jikkawtela d-drittijiet tieghu b'xi att gudizzjarju dakinhar, jew l-ghada li jinghata s-servizz, ghaliex l-aspettattivi tal-klijent ikunu li ghamel investiment tajjeb u li mhux ser ikollu l-problemi dwaru.

---

[5] '*Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe , PA*, 30/10/2003
[6] *Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Dismar Company Ltd, PA,* 12/10/2004
[7] *Causon vs Sheibani, QA, 4/12/1987*
[8] A fol 657 tan-nota tal-provditur

Lanqas min jaghti s-servizz ma jistenna xi ittra gudizzjarja l-ghada li jkun ta servizz. Kieku jsir dan, isir kollass totali fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u l-Ilmentatur jigi akkuzat li ha azzjoni gudizzjarja intempestivament.

L-Ilmentatur ghamel il-protest gudizzjarju meta kien cert li kien jaf li tilef il-flus. Dan ghaliex anke meta prodott jibda niezel fil-valur jew jibda jitlef il-flus, il-klijent mhux tenut li jibda proceduri legali immedjatament ghaliex il-valur jista' jerga' jitla' u jkun ghamel proceduri intempestivi.

Il-provditur tas-servizz ma rnexxielux jipprova l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni kif tenut li jaghmel.

Fis-16 ta' Ottubru 2015, l-Ilmentatur ghamel protest gudizzjarju, u minn meta l-Ilmentatur irrejalizza t-telf: mis-sena 2012, ma lahqux ghaddew il-hames snin kif provdut fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. L-ilment sar fil-11 t'Awwissu 2016, u ghalhekk, entro l-hames snin mid-data tal-protest gudizzjarju.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni.

**Il-Kuntest Guridiku**

Meta l-legizlatur ghadda l-Att XVI tal-2016 (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) u waqqaf l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, fl-istess Att stabbilixxa l-parametri legali kif ghandu jiddeciedi kazi li jkollu quddiemu. Fl-Artikolu 19(b)(c), il-legizlatur ried li l-Arbitru '***jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz***.'

Irid ukoll iqis ***'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi***', u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.

L-Arbitru mhuwiex marbut u limitat mar-regoli stretti tal-kuntratti kif kontemplati fil-Kodici Civili, haga li l-legizlatur ilu li ddipartixxa minnha mal-

introduzzjoni ta' legizlazzjoni kemm bl-introduzzjoni tal-Kapitlu 378 (L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur), kif ukoll b'legizlazzjoni specjali ohra bhal *Investment Services Act,* li tahtha hargu diversi regoli mill-*Malta Financial Services Authority (MFSA),* kif ukoll b'direttivi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-konsumatur u, anke b'mod specifiku, ghall-qasam tas-servizzi finanzjarji li gew trasposti fil-ligijiet taghna.

Imma, forsi fejn qabel ir-regoli u linji gwida li kienet tohrog l-*MFSA,* kienu jigu interpretati bhala sempliciment li jaqdu htigijiet regolatorji konnessi mal-ghoti tal-licenzja, u ma kienux jaghtu rimedju dirett lill-investitur, issa l-legizlatur ta l-fakultà lill-Arbitru li, biex jasal ghall-gudizzju tieghu, jutilizza dawn l-istrumenti regolatorji.

Fil-fatt il-legizlatur jiggwida lill-Arbitru biex:

*'jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta':*

- *ligijiet applikabbli u relevanti*
- *regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgieba ta' servizz,* ***inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea***
- *il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji*
- *u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'*[9]

Il-Qrati taghna wkoll ilhom jinnutaw li, fejn tidhol relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant, il-kuntest guridiku inbidel u l-kuntratt ta' bejgh ta' prodott jew l-ghoti ta' servizz huwa regolat minn normi godda li taw definizzjoni gdida kif ukoll illimitaw il-principju tal-*pacta sunt servanda*. Fejn ikun jirrizulta li ntuzaw *standard form contracts* u pprattikati termini ingusti, il-kuntratt jiehu dimensjonijiet godda, u dan ghaliex ukoll ir-rapport negozjali j kun wiehed zbilancjat, li ma jirriflettix dik il-liberta` shiha li suppost ikollhom il-kontraenti meta kienu qed jiftehmu t-termini tal-kuntratt.

[9] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

Irid jigi nnutat ukoll li l-Kap. 378 tal-Ligijiet ta’ Malta meta jiddefinixxi ‘diligenza professjonali’ jghid li:

*‘"diligenza professjonali" tfisser l-istandard ta’ sengha u kura li kummercjant huwa ragonevolment mistenni li jezercita fir-rigward ta’ konsumaturi,* ***proporzjonat ma’ prattika onesta fis-suq*** *u, jew* ***mal-principju generali tal-bona fede*** *fil-qasam ta’ attività tal-kummercjant.’*[10]

Hawn il-legizlatur kien qed jikkristallizza principji generali tad-dritt li kienu stabbiliti snin qabel u li jiggancjaw il-ligi specjali ma’ principji generali tad-dritt; izda enuncjati b’mod aktar emfatiku.

**Fil-Mertu**

Dan huwa ilment dwar il-prodott *PATF TEP Fund No.2* (fil-qosor *TEP 2*). L-Ilmentatur jghid li dan il-prodott ma kienx idoneju ghalih u ghac-cirkostanzi tieghu u ma kellux jinbiegh lilu.

Mid-dokument esebit[11] mill-provditur tas-servizz mar-risposta, jirrizulta li dan il-prodott kien intenzjonat ghal ‘*experienced investors*’. Fl-introduzzjoni ta’ dan id-dokument insibu:

‘*The Protected Asset TEP Fund Plc is an open-ended investment company and was incorporated as a public limited company in the Isle of Man with number 101651C on 12th December 2000, with unlimited duration under the Companies Acts 1931 to 1993 of the Isle of Man. PATF is not and need not be an authorised person for the purposes of the Isle of Man Financial Supervision Act 1988.*

[10] Kap. 378, Art. 51A

[11] A fol 131 et seq

***PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through investment in a diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").***

*Abacus Financial Services Limited will administer PATF, with custodian services being provided by a company which is a member of The Royal Bank of Scotland Group. PATF aims to have the lowest running costs of any existing TEP fund. It should be noted that three of the sub-funds of PATF, The Protected Asset TEP Fund No.2, The Protected Asset TEP Fund Dollar No.2 and The Protected Asset TEP Fund Euro No.2, are subject to certain charges to which the other sub-funds of PATF are not.*

*To ensure cost effective and efficient investment, PATF has arranged to purchase appropriate policies through T.I.S. Group Limited and Absolute Assigned Policies Limited, one of the oldest and largest market makers in TEPs.*

***PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors:- "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund") to invest in the well established traded endowment market efficiently and simply***.'

Hija din id-definizzjoni li kellha tapplika biex jitqies jekk investitur kienx '*experienced investor*' jew le, ghax wiehed irid jara lejn min kien qed jindirizza l-prodott min holqu u ghal min kien addattat skont il-kriterji tieghu.

Peress li kien investiment intenzjonat ghal tip partikolari ta' investituri (*Experienced Investors)* kien ezentat minn certu obbligi regolatorji li normalment huma assocjati ma' fondi ghal konsumaturi *retail*.

Ghalhekk, bilfors li l-Arbitru jrid jara jekk l-Ilmentatur, dejjem skont id-definizzjoni ta' *experienced investor*, kif dettata minn min holoq il-prodott, kienx '***sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund'.***

L-Ilmentatur attenda l-iskola tal-Gvern sal-età obbligatorja, ma tghallimx jaqra u jikteb: la bil-Malti u lanqas bl-Ingliz.

Bil-gurament in kontro-ezami quddiem l-Arbitru l-Ilmentatur xehed hekk:

*'Gie jkellimna is-Sur Maurizio Iacono u ghidtlu li gejna ghall-parir. Staqsieni x'naghmel xoghol u ghidtlu li kont watchman u ghidtlu wkoll li la naf nikteb u lanqas naqra. Ghidtlu, 'Mexxini int, ghax skola ma naf xejn', u qalli, 'Halli f'idejja ghax fejn se mmexxik, se mmexxik sewwa.' Staqsieni ghandix xi investimenti ohra u ghidtlu iva. Qalli gibli fejn ghandek l-investimenti. Hadtlu l-karti u qaghad jaghzilli l-karti.*

*Qabad xi investimenti li kelli u qalli li m'humiex sejrin tajjeb. Kelli xi tlett investimenti li qalli biex innehhihom ghax ma kienux sejrin tajjeb. Bieghhomli u hallejt f'idejh. Qalli biex niffirma u ghidtlu kwalunkwe firma niffirmalek ghax ma nafx nikteb. Qalli li l-flus kienu waslu ghandu biex issa ninvestihom. Qalli biex ninvestuhom hawn u hemm u jien ghidtlu,'Inhalli f'idejk ghax ma nifhimx u basta l-kapital ma nitilfux.*

*Kont incempel biex nara kif kienu sejrin u kien jghidli li sejrin tajjeb. Wara xi sentejn qalli biex ninvesti fl-istess u qalli, 'Tara xejn, dawn tajbin hafna u l-kapital garantit.' Tajtu diversi ammonti ta' flus. Nghid illi tal-GolbalCapital qaluli li tal-BOV ma kienux sejrin tajjeb, bieghuhomli u nvestewhom huma.'*[12]

L-Arbitru m'ghandux ghalfejn jiddubita mill-kredibiltà tax-xhud. Ix-xhieda tieghu ma giet bl-ebda mod kontradetta ghaliex l-uniku xhud li ressaq il-provditur tas-servizz kien lil Michael Schembri, li ma kienx prezenti waqt it-tranzazzjoni. Anzi, is-Sur Schembri xehed li min ghamel it-tranzazzjoni mal-Ilmentatur u, cioè, Maurizio Iacono, ma kienx awtorizzat biex jaghti pariri mill-*MFSA:*

*'Jekk Maurizio Iacono kellux il-permess tal-MFSA biex jaghti pariri, nghid li le, ma setax jaghti pariri.'*[13]

---

[12] A fol 632 tal-process

[13] A fol 637 pg.2 para. 4 tal-Kontroezami ta' Michael Schembri

Dwar kif inhu deskritt is-servizz, jidher car li kien il-provditur tas-servizz li ghazel kif jiddeskrivih u mhux l-Ilmentatur li hu persuna analfabeta li, fil-qaghda vulnerabbli tieghu, halla flusu f'idejn il-provditur tas-servizz. Però, anke minn Dokument E.i – *Account Opening Form and Client Profile*[14] f'pagna 9, hemm diversi referenzi li effettivament l-Ilmentatur kien inghata parir (*advisory*).

Hemm kontradizzjoni bejn il-*client profiles,* per ezempju, dak a fol 30 tal-process, u ohrajn fejn huwa car li s-servizz kien wiehed *advisory*, filwaqt li t-*Terms of Business Agreement,* fi klawsola 2.2, tiddeskrivi l-prodott bhala wiehed ta' *Execution Only* li jfisser li l-kumpanija:

*'shall not be required to verify whether the Client Instructions correspond to the investment objectives and restrictions of the Client.'*[15]

Kif qatt, persuna analfabeta bhal CV, seta' jaghti dan it-tip ta' ezoneru lill-kumpanija, meta huwa evidenti li huwa kien jiddependi totalment fuq il-provditur tas-servizz biex jiggwidah?

Dawn il-kontradizzjonijiet fid-dokumenti juru li l-provditur ma kienx qed jagixxi fl-interess tal-klijent u *in buona fede* - li f'dawn ir-relazzjonijiet huwa ta' importanza massima - izda kien qed jaghmel kull attentat biex ikun kopert, jigri x'jigri, mill-investiment tal-klijent tieghu.

U l-Qrati taghna jharsu b'lenti dubjuza hafna fejn jidhlu klawsoli ta' ezoneru.

Jirrizulta wkoll li min ta l-pariri ma kienx awtorizzat mill-*MFSA* biex jaghmel dak ix-xoghol, u l-provditur tas-servizz kien jaf b'dan. Fil-fatt, Michael Schembri, ghall-provditur tas-servizz in ri-ezami qal hekk:

*'Nghid li Maurizio Iacono ma setax jaghti pariri ghax kellna lista min seta' jaghti pariri u min le.'*[16]

[14] A fol 21 et seq
[15] A fol 31
[16] A fol 637 Ri-ezami ta' Michael Schembri

L-Arbitru jhoss li l-provditur tas-servizz naqas serjament meta inkariga persuna li ma kienetx awtorizzata mill-*MFSA* biex tagixxi bhala tali, u fid-dokument intestat *Account Opening Form and Client Profile,* (a fol 21 et seq, specjalment il-pagna a fol 31 tal-process), tghid fost ohrajn u taghmel referenza ghal '*your investor advisor',* li tfisser li Maurice Iacono kien qed jagixxi ta' *Investment Advisor* meta dan lanqas biss kien awtorizzat mill-*MFSA* biex jaghmel dan ix-xoghol.

Il-provditur tas-servizz jghid li, galadarba l-Ilmentatur kien iffirma d-dokumenti bhall-*File Note*, kien qed jikkonferma dak li gara waqt il-laqgha meta sar l-investiment. Hekk jghid Michael Schembri fl-affidavit tieghu.[17]

Dan l-argument ma tantx huwa ta' komfort ghall-provditur tas-servizz ghaliex l-istess dokumenti juru inkonsistenzi, kif spjegat aktar 'il fuq, u l-intenzjoni taghhom kienet wahda purament ta' ezoneru mill-obbligi ta' provditur ta' servizz; li f'dan il-qasam ghandu piz akbar ghax, hafna drabi, jkun qed jittratta ma' nies bi ftit taghrif dwar qasam sofistikat li ftit nies jistghu jifhmuh, u jkunu qed jinvestu dak li jkunu gemmghu mix-xoghol taghhom.

F'dan il-kaz, il-provditur kien qed jittratta ma' bniedem analfabeta, li dejjem kien jafda f'min ikun qed imexxih.

L-Arbitru huwa konxju li, filwaqt li l-livell ta' edukazzjoni jista' jkun indikazzjoni jekk persuna tistax tifhem f'dak li jkun qed jigri jew le, huwa fatt maghruf li anke nies ta' livell gholi ta' edukazzjoni u anke professjonijsti f'oqsma ohra tal-hajja, minkejja l-hila fil-qasam taghhom, jistghu ukoll ikunu nies vulnerabbli ghaliex ma jkunu jifhmu xejn fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Allura nies bhall-Ilmentatur, li l-livell ta' edukazzjoni taghhom huwa limitat hafna, huma nies aktar vulnerabbli ghaliex lanqas ikunu biss jafu jaqraw u jiktbu. Id-dettalji fil-*File Notes* u d-dokumenti l-ohra li ffirma l-Ilmentatur huma fuq l-istess vena.

[17] A fol 204 tal-affidavit ta' Michael Schembri

L-ewwel *File Note*[18] iggib id-data tat-13 ta' Settembru 2004. Peress li kif xehed l-Ilmentatur, la jaf jaqra u lanqas jikteb, din imtliet mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz. L-Ilmentatur huwa deskritt bhala *watchman* jahdem mal-gvern u kellu dhul fis-sena ta' Lm3,600. Kellu Lm5,000 l-*HSBC* u *MGS Bonds* ta' Lm1,700. L-intenzjoni tal-Ilmentatur kienet li jzid il-kapital u r-riskju tieghu kien deskritt bhala *'cautious'*. L-investiment li kien ser jaghmel kien gej minn flus li qala' mis-salarju u *property sale.*

Dwar x'intqal u x'gie diskuss dwar l-investiment li kien sar ma hemm l-ebda dettal, imma hemm nota li tghid '*as per various file notes'.* Il-prodotti li nbieghulu dakinhar kienu: '*TEP 2 USD, TEP 2 GBP, u ICGC.'*

Imbaghad, a fol 30, b'tipi rqaq hafna hemm aktar dettalji ta' x'suppost gara fil-laqgha. Dawn l-i*statements* bl-Ingliz gew ittikkjati mill-provditur tas-servizz bhallikieku kien qed jiddikjarahom l-Ilmentatur. Fosthom hemm illi:

- *'I/We confirm that* ***we have read this form***[19] *and that the information provided by us is factual, correct and true.*
- *I have read (or explained to me) the Company's Terms of Business'*

Dawn it-*Terms of Business,* l-istess - b'tipa verament irqiqa - hija msejsa fuq hafna definizzjonijiet u notamenti teknici li ftit nies jistghu jifhmuhom jekk ma jkunux nies teknici.

Il-*File Note* l-ohra tal-10 ta' Novembru 2006,[20] fiha l-istess dettalji personali tal-Ilmentatur, bhal dik ta' sentejn qabel, u li r-riskju li ried jiehu l-Ilmentatur baqa' '*cautious'*. Dwar dak li gie diskuss mhemmx dettalji hlief *'as per file note*.' Il-flus tal-investiment li kien ser isir gejjin mis-salarju. Id-deskrizzjoni tal-prodotti li kienu ser jigu mibjugha lill-investitur deskritt bhala '*additional investment'* u l-istess bhala *File Note* ta' qabel hemm ghadd ta' kaxxi ittikkjati bhala *'client confirmations*' li nqralu u gie spjegat kollox lilu.

---

[18] A fol 21 Dok. E.i
[19] Enfasi tal-Arbitru
[20] A fol 35 Dok. E.ii

Anke f'din is-sezzjoni hemm ghadd ta' kliem tekniku u kuncetti dwar investimenti li bniedem analfabet qajla jista' jifhem. L-istess japplika ghall-kumplament tal-*File Notes* a fol 49 sa 51 tal-process.

Imbaghad, a fol 52, hemm dik li tissejjah '*Experienced Investor Declaration'* li l-kriterju li ntuza kien li l-Ilmentatur kien jitqies '*experienced investor'* ghaliex kien investa fl-ahhar hames snin '*a sum equivalent to 50% of the minimum investment in the Professional Investment Fund'*. Ta' min jinnota wkoll li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz jiddikjara permezz tal-ittikkjar tal-kaxxi li:

*'I certify that my principal has read and understood the Offering Document including the mandatory risk warnings.'*[21]

F'*Experienced Investor Declaration* ohra,[22] l-Ilmentatur gie meqjus '*experienced investor'* fuq kriterju totalment differenti:

*'A person who has* ***reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature***[23] *or risk profile or property of the same kind as the property…..'*

A bazi ta' dan il-kriterju, l-Ilmentatur gie meqjus fl-2006 bhala *'experienced investor'.* Hemm, imbaghad, dikjarazzjonijiet mill-Ilmentatur li kien qara u fehem l-'*Offering document including the mandatory risk warnings.'*

Meta wiehed janalizza dawn il-*File Notes,* jinduna li huma b'tipi irqaq, teknici u zgur li anke kieku inqraw lil persuna bhal CV, li l-livell ta' edukazzjoni tieghu huwa wiehed baxx hafna u li ma jifhimx bl-Ingliz, xorta ma kien jifhem xejn. Fil-fatt l-Ilmentatur xehed hekk fil-kontro-ezami:

'*Mistoqsi jekk kontx naf x'se niffirma meta iffirmajt, jien hallejt f'idejh u ffirmajt. Jien ma staqsejtux x'kont se niffirma. Lili lanqas seta' jispjegali ghax anke kieku*

[21] A fol 52 Dok J.i datat 13 ta' Settembru 2004
[22] A fol 53 Dok J.ii
[23] *Bold* mill-Arbitru

*spjegali ma kont nifhem xejn ghax ma nifhimx. Ma nifhimx x'jigifieri l-investiment jista' jitla' jew jinzel. Nghid li anke l-ilment li ghamilt, jien fdajt lil min ghamilli l-ilment. Jien anke meta nigi biex nivvota nghidilhom biex jghinuni ghaliex jien bniedem illitterat.'*[24]

Ghalhekk, ghalkemm huwa veru li CV iffirma diversi dokumenti, ma kienx konsapevoli ta' dak li kien qed jiffirma.

Dak li ffirma ghalih ma kienx veritier, specjalment, fejn jghid li qara d-dokumenti u li fehemhom.

F'dan ir-rigward, l-Arbitru jaqbel mal-argumentazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[25] li qalet li l-firma wahedha ma torbotx jekk min jiffirma ma jkunx jaf x'qed jiffirma.

Ma jistax jitwemmen kif l-Ilmentatur, fil-qaghda tieghu li lanqas kapaci jivvota, seta' jaqra u jifhem id-dokumenti vasti konnessi mal-prodott *TEP 2.*

Jekk wiehed ihares biss lejn Dok PATF 3[26] li huwa ' *Scheme Particulars relating to the 'No. 2 Fund',* wiehed malajr jintebah jekk l-Ilmentatur kienx f'pozizzjoni li jifhem dan id-dokument u jasal ghall-konkluzjoni jekk dak il-prodott finanzjarju kienx addattat ghac-cirkostanzi tieghu.

L-Arbitru huwa konvint li d-dokumenti imtlew b'mod u manjiera li jgib lill-Ilmentatur eligibbli ghall-investiment - u mhux ghaliex tabilhaqq kien eligibbli. Intuzaw kriterji li *prima facie* jaghmlu lill-investitur eligibbli biex jigu sodisfatti certi kriterji regolatorji ta' dak iz-zmien, minghajr ma ttiehdet in konsiderazzjoni id-definizzjoni ta' *experienced investor* kif proponuta fl-'i*Scheme Particulars relating to the No. 2 Fund'*[27] li kellha tipprevala fuq kull definizzjoni ohra ta' *experienced investor*; ghaliex il-kejl ghandu jkun marbut mal-prodott li qed jinbiegh u mhux jittiehed kejl generiku biex jaghmel lill-klijent eligibbli ghall-prodott, kif gara f'dan il-kaz.

---

[24] A fol 632 Kontro-ezami ta' CV pg. 2
[25] Per ezempju fil-kaz: Evelyn Farrugia vs *GlobalCapital Financial Management Ltd.* et, 11/7/2016
[26] A fol 131 sa 169
[27] A fol 131 et seq

Kien hemm ragunijiet ghalfejn fl-istess *Scheme* li pproponiet il-bejgh tal-*Fund* hemm dikjarat li dan il-*Fund* ghandu jinbiegh lill-*experienced investors* u inghatat id-definizzjoni ta' x'inhu *experienced investor.* Ir-ragunijiet principali kienu il-kumplessità[28] tal-prodott bhala strument li jinvesti fi *Traded Endowment Policies (TEPs),* kif ukoll ir-riskji li kienu marbutin mieghu.

L-istess *Scheme Particulars* jispjegaw x'kienu whud mir-riskji marbutin mal-prodott *de quo:*

- *Returns on an investment in the fund are not guaranteed;*[29]
- *Consideration should be given to whether such risks are suitable for them and prospective shareholders should ensure that they fully understand the contents of these Scheme particulars;*
- *Traded endowment policies (TEPs) are valued on the basis of prevailing market conditions;*
- *The price of the Shares may go down as well as up due to market fluctuations and other considerations;*
- *There can be redemption penalties;*
- *The investor may receive less than the amount of the original investment on redemption of shares;*
- *There is no guarantee against the default of a counterparty with which PATF may deal.*

Hemm diversi riskji ohra msemmijin fid-dokument li jispjega l-offerta tal-prodott. **Dan kollu jaghmel il-prodott ta' riskju gholi**.

Il-profil tal-Ilmentatur, anke kif deskritt fil-*File Notes* kompilati mill-istess provditur tas-servizz, kien wiehed *'cautious'* u mhux ta' livell gholi. Dan il-fattur wahdu wkoll jaghmel il-prodott mhux '*suitable'* ghall-Ilmentatur u qatt ma messu inbiegh lilu.

[28] Il-kelma 'kumplessità' trid tinftiehem fis-sens generiku taghha u mhux f'sens tekniku
[29] A fol 148

Il-provditur tas-servizz jghid li l-Ilmentatur kellu esperjenza fl-investimenti u f'investimenti simili ghal dak *de quo.*

L-Arbitru ghamel analizi tal-investimenti li kellu l-Ilmentatur, liema investimenti gew imsemmija kemm mill-provditur tas-servizz kif ukoll mill-Ilmentatur. Jirrizultalu li l-investimenti li kellu l-Ilmentatur kienu tat-tip *retail* u ma kien hemm l-ebda wiehed minnhom li kien ta' riskju gholi jew ikkumplikat fl-istruttura tieghu bhalma kien it-*TEP 2.*

Hlief ghal zewg investimenti f'*bonds* mahruga mis-suq lokali (*Stocks* tal-Gvern u iehor fl-*IHI*), l-investimenti li kellu kienu kollha f'fondi ta' investimenti kollettivi registrati u mhaddma lokalment minn sussidjarji taz-zewg banek ewlenin f'Malta. Il-fondi kienu jinvestu f'*bonds*, ishma jew tahlita mit-tnejn. L-Arbitru josserva wkoll li kemm l-investimenti diretti u l-fondi (hlief ghal tnejn denominati fid-dollaru) kienu jinvestu f'sigurtajiet illistjati fuq is-suq lokali.

Huwa evidenti li dan kien portafoll ta' investimenti ta' xi hadd li ma riedx riskju zejjed u kien mifrux fuq fondi ta' riskju baxx u ohrajn ta' riskju bilancjat. Anke l-istess *File Notes,* mimlijin mill-provditur tas-servizz, dejjem iddeskrivew lill-Ilmentatur bhala *'cautious'.*

Barra minn hekk, anke meta ghamel dawn l-investimenti qabel ma mar ghand il-*GlobalCapital*, hu dejjem kien ihalli f'idejn il-provditur tas-servizz involut inkluz il-banek.

'*Mistoqsi x'nifhem meta jien kelli attitudni ghal riskju bilancjat nifhem li ma jkollix riskju li nitlef flusi. Mistoqsi jekk jien nafx li meta ninvesti l-kapital jista' jitla' u jinzel nghid li dejjem mexxewni sewwa l-banek. Kull meta mort anke l-banek nghidilhom li jien ma nafx naqra u nikteb u nhalli kollox f'idejhom……..*

*Kont immur nghidlu, 'Ghandi daqshekk flus,' u dejjem investejt kif qaluli huma ghax jiena ma nifhimx. Meta ghidt il-kliem 'imexxuni sew' infisser li kont intihom il-flus u dejjem nghidilhom biex jinvestu fl-ahjar interessi tieghi. Nghid li fl-*

*investimenti l-ohra, nirringrazzja lil Alla, qatt ma kelli telf, la fil-kapital u lanqas fl-interessi.'*[30]

Dwar jekk kienx sar *assessment* tal-klijent biex jigi stabbilit jekk il-prodott kienx idoneju ghalih, l-uniku xhud tal-provditur tas-servizz jghid li ma jistax iwiegeb ghaliex dak iz-zmien ma kienx impjegat mal-*GlobalCapital*. [31]

Dwar jekk sarx *product due diligence* dwar il-*PATF (TEP 2)*, l-istess xhud kien evaziv u jghid biss, '*jien qghadt fuq dak li sar qabel zmieni.'*[32]

Ghalkemm f'dan il-perjodu meta inghata s-servizz l-Ilmentatur, ma kienux *in vigore* ir-regoli tal-*MiFID,* però, xorta wahda l-provditur kellu diversi obbligi li johorgu mil-ligi u minn normi regolatorji ta' dak iz-zmien. Apparti r-regola generali tal-kuntratti li f'kull tranzazzjoni ghandha tirrenja l-*bona fede*, f'servizz specjalizzat, bhall-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-provditur tas-servizz ghandu l-obbligu li jagixxi bhala *bonus pater familias* u jaghti attenzjoni specjali lil nies li, minhabba n-nuqqas ta' edukazzjoni, qeghdin f'qaghda vulnerabbli.

Jekk xejn, din tohrog mill-*Best Practice* ta' professjonisti f'dan il-qasam.

Skont l-*Investment Services Guidelines*, *May 2004, Part C-Standard Licence Conditions*,[33] applikabbli dak iz-zmien, il-provditur tas-servizz kellu jagixxi *'honestly, fairly and with integrity.'*

Regola 3.03 zzid tghid illi: *'The Licence Holder shall act with due skill, care and diligence and in the best interest of its customers and of the market.'*[34]

Barra minnhekk, skont l-istess *Investment Services Guidelines*, il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jaghti lill-Ilmentatur '*adequate disclosure of relevant material information …. in a way that is fair, clear and not misleading*.'[35]

---

[30] A fol 631 kontro-ezami tal-Ilmentatur p.1
[31] A fol 636 kontro-ezami ta' Michael Schembri, p.2
[32] *Ibid*
[33] A fol 69 *et seq Part C, Standard Licence Conditions ,* Dok. W, Klawsola 3.02 Dok. W
[34] A fol 74A
[35] *Part C-Standard Licence Conditions, May 2004,* Klawsola 3.05 a fol 75

Fil-fehma tal-Arbitru, din id-diligenza mill-provditur tas-servizz ma ntwerietx, u l-Ilmentatur ma giex moghti informazzjoni materjali relevanti b'mod gust, car u li ma jqarraqx; u nkisru dawn l-i*Standard Licence Conditions.*

Il-qasam tas-servizzi finanzjarji huwa qasam specjalizzat u tekniku, u l-konsumatur ghandu jigi ittrattat b'mod mill-aktar fier *('fairness')*. L-awtur, Peter Cartwright, li huwa awtorità f'dan il-qasam, jghid hekk:

*'The concept of fairness is at the heart of the requirements that many legal systems place on suppliers when dealing with their consumers. In the UK, a wide variety of provisions compel suppliers to behave fairly (or, in some cases, not to behave unfairly) towards consumers. Some of these use the term "fair" (or one of its derivations), while others use similar expressions like "reasonable". Frequently, these requirements are placed on all sectors; sometimes they are more limited. These provisions may have their basis in statute, in the common law, in regulatory guidance or in codes of practice, to name but the most obvious examples. Traders wishing to comply with the obligations placed upon them are obliged to negotiate a complex web of requirements.*

***The requirement to be fair plays a particularly prominent role in the regulation of financial services firms' dealings with their consumers. As well as the obligations placed on all traders, there are further specific duties incumbent upon those in the financial services sector. Like the general obligations identified above, these take a variety of forms, and arise from a wide range of sources'[36].***

Il-legizlatur Malti wkoll dahhal normi legizlattivi bhall-Kapitlu 378 tal-Ligijiet ta' Malta biex jipprotegi l-interessi tal-konsumatur li kien digà vigenti meta saret it-tranzazzjoni odjerna. Il-bazi ta' din il-ligi pjuttost vasta hija li l-kummercjant jittratta mal-konsumatur b'mod gust.[37]

---

[36] *Peter Cartwright, 'Fairness, Financial Services and The Consumer in an Age of Principles-Based Regulation: Position and Consultation Paper' p.1*
[37] Kap. 378, Ara specjalment Art. 45 sa 47

Il-provditur tas-servizz iqajjem ukoll l-eccezzjoni tal-*casus* ghaliex jghid li l-prodott falla minhabba cirkostanzi li hadd ma kellu kontroll fuqhom. L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan.

F'kazi bhal dawn, fejn qed jigi allegat *misselling*, hija norma kunsidrata anke barra minn xtutna, li l-gudikant irid jaghti importanza massima lil dak li gara waqt it-trattattivi bejn l-Ilmentatur u l-provditur tas-servizz, dakinhar li inghata s-servizz, u jekk il-prodott mibjugh kienx idoneju ghall-aspirazzjonijiet u c-cirkostanzi partikolari tal-klijent.

F'dan il-kaz, dan il-prodott qatt ma messu inbiegh lill-Ilmentatur ghaliex ma kienx jissodisfa dawn il-kriterji u, ghalhekk, hemm kaz car ta' *miselling* ta' prodott finanzjarju.

Il-provditur jghid li huwa kien biss l-agent u kien qed ibiegh prodott ta' haddiehor. Dan m'huwiex il-kaz ghaliex dan qatt ma ntqal lill-Ilmentatur u l-Ilmentatur dejjem inghata x'jifhem li kien qed jittratta mal-*GlobalCapital.* Il-*logos* uzati fid-dokumenti u l-indikaturi kollha li kellu l-klijent, kienu li qed jinnegozja ma' *GlobalCapital* u mhux ma' xi entità estera ohra. Il-parir u l-bejgh tal-prodott sar mill-provditur tas-servizz u r-relazzjoni guridika kienet wahda diretta bejn konsumatur u kummercjant u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz ma jistax jitfa' r-responsabbiltà tas-servizz li ta fuq haddiehor. Ghalhekk, din l-eccezzjoni mhix wahda korretta, gusta u ragonevoli u l-Arbitru ma jistax jilqaghha.

L-Arbitru jrid jigi iggwidat mil-ligi specjali li hija l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 19(3)(b), li jipprovdi li l-Arbitru ghandu jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun ***'gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz …… u jiehu kont l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'***[38]

Mill-assjem tal-provi, kemm orali kif ukoll mid-dokumenti esebiti, l-Arbitru hu tal-fehma li l-Ilmentatur ma giex ittrattat b'mod ekwu, gust u ragjonevoli meta

[38] Kap. 555 Art. 19(3)(b) u (c)

inbieghlu prodott: li ma kienx idoneju ghalih u ghalhekk sehh *misselling*. Gie ttrattat b'mod ingust u abbuziv meta gie mgieghel jiffirma dokumenti li lanqas biss seta' jifhem x'fihom u li fihom infushom huma kontradittorji.

Ghalhekk kiser ukoll l-obbligi fiducjarji versu l-klijent kif ukoll ma mexiex mal-aqwa prattika tajba (*best practice*) mistennija minnu f'dan is-settur.

Barra minnhekk, ma kienx diligenti fis-servizz li kien qed joffri ghaliex, kif gie spjegat aktar 'il fuq, ma tax prova li kien ghamel *due diligence* tal-prodott li kien qed ibiegh u ma ghamilx *assessment* tajjeb tal-Ilmentatur. Dan in-nuqqas jammonta ghall-ksur tal-obbligi kuntrattwali lejn l-Ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz ma hax kont tal-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur li qatt ma kellu investiment simili ghall-prodott odjern. Barra minn hekk, m'agixxiex fl-ahjar interess tal-klijent meta inkariga persuna biex toffri servizzi ta' pariri meta lanqas biss kienet awtorizzata biex taghmel dan mill-*MFSA.*

Dawn in-nuqqasijiet kollha wasslu biex il-provditur tas-servizz biegh prodott ta' investiment li ma kienx addattat ghac-cirkostanzi tieghu u dan wassal ghal *investment misselling* u telf ta' flus lill-Ilmentatur.

Ghal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizzi finanzjarji u jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-deciz-joni u jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd*. thallas kumpens lill-Ilmentatur fis-somma ta' elf, disa' mija u sitta u hamsin dollaru Amerikan (US$1,956), telf kapitali li sehh fis-16 ta' Frar 2012, u tmint elef, tlett mija u hames Liri Sterlini (GBP8,305), telf li sehh fis-17 t'April 2012, (jew l-ekwivalenti taghhom fl-Ewro skont il-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555).

F'kaz ta' *misselling,* bhalma huwa dan il-kaz, l-Arbitru jrid igib lill-Ilmentatur kemm jista' jkun fil-pozizzjoni tieghu fid-data li ghamel l-investimenti in kwistjoni. F'dan ir-rigward, qatt ma tista' tinstab formula preciza u, ghalhekk, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi partikolari tal-Ilmentatur, ikun ekwu u gust li jigi akkordat lilu imghax ta' erbgha fil-mija fis-sena u ghandha tghodd fuq l-ammonti

moghtija f'din id-decizjoni bejn id-data ta' meta ghamel l-investimenti u l-gurnata li fiha l-Ilmentatur biegh il-prodott koncernat.

L-ispejjez ta' dan il-kaz ghandhom ikunu a kariku tal-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.